MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2014

Numru 228/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs.**

**Sandro di Murro**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Sandro di Murro**, iben Rosario u Rita neé Fraska, imwieled l-Italja nhar l-14 ta' Lulju 1985 u residenti gewwa 4019, Blue Sea, La Vallette

Resort, Triq Dragonara, San Giljan, Malta u detentur tal-Karta ta' l-Identita' Taljana AV 2144338

akkuzat talli fil-lejl ta' bejn l-04 ta' Marzu 2014 u l-05 ta' Marzu 2014 f'San Giljan u dawn il-Gzejjer:

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' David James Wilson f'periklu car ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' David James Wilson hekk kif gie ccertifikat minn Dr. Josef Mifsud M.D. bin-numru tar-registru mediku 3231 mill-Isptar Mater Dei;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta' David James Wilson bil-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan *ai termini* tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *et sequitur*.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jiddikjara li huwa lest li jaghmel tajjeb ghal dak kagunat minnu fil-konfront ta' David James Wilson.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, u l-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 216(1)(d) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Sandro di Murro hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tlitt (3) snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta’ liberta’ kundizzjonata.

Finalment, il-Qorti, wara li semghet dak kollu li nghad waqt is-seduta tallum, ma tarax raguni valida ghala ghandha tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------